REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/21

tal-5 ta' Jannar 2015

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-merkanzija konċernata minn dan ir-Regolament li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 [2]. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li tkun għadha ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perijodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Għaqda Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Komponent elettroniku li jkun f'qafas rettangulari tal-plastik (l-hekk imsejjaħ "skartoċċ tal-logħba (cartridge)") bil-qisien ta' 35 × 33 × 4 mm. L-iskartoċċ tal-logħba magħmul minn unità ta' ċirkwit stampat b'ċirkwiti integrati (memorja tinqara biss (ROM) u memorja flash), elementi passivi (kapasiters, reżistenzi) u diversi labar ta' kuntatt. Ir-ROM fiha programm ta' applikazzjoni (logħba tal-vidjow) u ma tistax tinbidel jew tiġi aġġornata mill-utent. Il-memorja flash tintuża biex tinħażen id-dejta maħluqa meta tintlagħab il-logħba, bħalma huma l-preferenzi jew il-livelli u l-punti milħuqa. Minħabba l-forma speċjali u l-labar ta' kuntatt speċifikament configurati tiegħu, l-iskartoċċ jista' jintuża biss f'marka kummerċjali speċifika u fit-tip tal-pannelli għall-kontroll (consoles) taħt l-intestatura 9504. Ara l-istampa (*)	9504 50 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 3 tal-Kapitolu 95 u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 9504 u 9504 50 00. L-iskartoċċ ma fihx biss memorja flash imma wkoll ROM magħmula mil-logħba. Il-memorja flash taħżen biss informazzjoni meħtieġa biex tintlagħab il-logħba, bħalma huma l-preferenzi jew il-livelli u l-iskorjar milħuqa. L-iskartoċċ jista' jintuża biss biex jintlagħbu l-logħbiet tal-vidjow flimkien ma' pannell għall-kontroll (console). Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni bħala midja għar-reġistrazzjoni tal-ħoss jew fenomena oħra tal-intestatura 8523 hija esklużа (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 8523, is-sitt paragrafu, il-punt (f). Peress li l-iskartoċċ huwa parti jew aċċessorju adatt għall-użu biss jew prinċipali mal-pannell għall-kontroll (console) tas-subintestatura 9504 50, għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 9504 50 00 (ara wkoll il-HSEN tal-intestatura 9504 (2), it-tielet paragrafu).

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

